PULCHRA ES ET DECORA FILIA JERUSALEM

LIL

# SANTA MARIJA

## PADRUNA MEQJUMA
## FIL-KNISJA ARĊIPRETALI, SANTWARJU U BAŻILIKA TAL-MOSTA
## 15 T'AWWISSU 2021

Meta lkoll flimkien ninġabru
f'din il-Belt li tant tilqagħna,
lil dik Ommna b'ġieħ infakkru
ta' kemm opri tagħmel magħna.

Magħna, t-tarka fit-tbatija,
meta l-mewġ tal-ħajja jkisser.
Lejk induru o Marija
b'tant fervur mhux faċli tfisser.

Tfisser! Tista' turi l-fehma,
fatt fil-fond tal-qalb nemmnuh...
Li s-Sultana titla' s-sema
bla ma nsaqsu... bla nifmuh?!

Nifhmu sew minn għelm l-istorja,
mill-mirakli mhux miktuba,
żmien ta' qilla tfiġġ vittorja
bl-intervent tal-wisq maħbuba

U maħbuba bl-akbar xhieda
minn dan-nies li taw eżempju
kif dil-ġibda twassal rieda
kif inbena dan it-tempju.

Tempju llum meqjum Bażil'ka,
ġawhra f'Malta ir-Rotunda...
B'ħajr nagħtuk minn qalbna ilqa'
b'għożża nsellmu lill-Assunta.

Hekk l-Assunta l-ġenna tella'
lilek għolla dawl tal-ġnus...
Għażel lilek il-kbir Alla
traxxax grazzji fuq l-irjus.

Fuq l-irjus ta' wħud imjassra
minn għemil tad-dnub maħqura
tisma' l-krib tal-qlub imħassra
avukata kont maħtura.

Il-maħtura il-magħżula
bint Sant' Anna u San Ġwakkin,
biex bla tebgħa ġejt maħluqa
waħdek biss fost il-bnedmin.

U l-bnedmin tal-għeruq tagħna
rawk bħal ġawhra ferm prezzjuża
riedu juru l'int sultana
bnewlek knisja majestuża.

**Majestuża ir-Rotunda,**
**xhieda l-fidi tat-twajbin..**
**Illi jħobbu lill-Assunta**
**bħala l-omm tagħna l-Mostin.**

**Alfred C. Sant**
Settembru 2019

Inizzjattiva tal-Grupp Armar Marija Assunta